# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 22/16 LSO**

**Michael Borg**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru u**
**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Michael Borg mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fil-15 ta' Novembru 2016 [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, (i) filwaqt illi laqghet l-ewwel eccezzjoni

preliminari tal-intimati dwar in-nuqqas ta' tehid ta' rimedji ordinarji min-naha tar-rikorrenti u ghazlet li ma twettaqx is-setghat kostituzzjonali taghha li tisma' l-kawza skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) helset lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Mertu**

2. Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali minnu pprezentat fis-17 ta' Frar 2016, ir-rikorrent jilmenta illi huwa sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], minhabba li ma nghatax smiegh xieraq fil-proceduri li huwa istitwixxa quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [il-Kummissjoni] biex jilmenta dwar it-tqassim tal-marki fl-applikazzjoni tieghu ghas-sejha ghall-pozizzjoni ta' Principal Public Cleansing Officer (permezz ta' Circular 2/2014) fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura, liema process ir-rikorrenti jghid li sar b'mod abbuziv u irregolari. Skont ir-rikorrenti, il-process ta' konsiderazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-ilment tieghu, kien wiehed li jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante illi wara li ressaq dan l-ilment huwa ma

nghatax smiegh xieraq u ma thalliex jippartecipa waqt il-process imsemmi, b'mod li kien hemm ksur tad-dritt naturali tieghu ghal *audi alteram partem* u tad-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni fl-Artikolu 39(2) u 6 rispettivament.

3. Ir-rikorrenti ghalhekk talab li (1) jigi dikjarat li l-agir tal-intimati jikser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni kif rifless fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, stante li gie vjolat il-principju ta' dritt naturali meta r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq billi hu ma thalliex jippartecipa fil-process li skatta, fuq talba tieghu stess; (2) jigi ordnat li l-process quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jerga' jsir b'mod korrett u li bih jithalla jippartecipa r-rikorrenti b'rispett lejn id-dettami tad-Drittijiet tal-Bniedem; u (3) jinghata rimedju effettiv fic-cirkostanzi.

4. L-intimati l-Onor. Prim Ministru u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fir-risposta taghhomipprezentata fl-10 ta' Marzu 2016, eccepew in linea preliminari illi inkwantu l-lanjanza tar-rikorrenti hija ppernjata fuq l-allegat ksur ta' principji ta' gustizzja naturali, huwa kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili [il-kodici] u stiednu ghalhekk lill-Qorti biex tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-

Konvenzjoni, oltre eccezzjonijiet ohrajn ta’ natura procedurali kif ukoll difiza fil-mertu mressqa mill-istess intimati.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati fejn stiednu lil din il-Qorti fit-termini tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni** sabiex tiddeklina li tezercita s-setghet kostituzzjonali taghha f'din il-kawza.
>
> “Illi bir-rikors tieghu, ir-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" minhabba li ma nghatax smigh xieraq fi proceduri li istitwixxa quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (il-quddiem imsejjah **il-Kummissjoni).** Qed jitlob ukoll li din il-Qorti tordna li l-process quddiem il-Kummissjoni jerga' isir b'mod korrett fejn jithalla jippartecipa fihom.
>
> “Illi l-Intimat oppona ghat-talbiet, preliminarjament billi r-rikorrent ghadu ma ezawriex ir-rimedji ordinarji, li l-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur, u sussidjarjament fil-mertu, billi d-dritt vantat m'huwiex dritt jew obbligu civili fit-termini preskritti fl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali ccitati mir-rikorrent dawn mhumiex applikabbli ghall-kaz tieghu. Inoltre fis-sustanza, rrespingew l-allegazzjonijiet bhala infondati fattwalment u fid-dritt.
>
> “**Fatti u Provi**
>
> “Illi ghal dak li hu rilevanti ghal din is-sentenza, jirrizulta mill-atti li r-rikorrent jahdem bhala *senior foreman* fl-Isptar San Vincenz de Paule. Fis-sena 2014 applika ghall-post ta' *Principal Public Cleansing Officer* fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura izda ma ntghazilx. Hu ressaq ilment mal-Public Service Commission dwar l-ghazla finali tal-Bord tas-selezzjoni, izda l-Kummissjoni rrifjutat it-talba tieghu ghar-revizjoni tar-rizultanzi u dan minghajr lanqas biss inghata smigh quddiem il-Kummissjoni.

"Konsegwentement fit-23 ta' Gunju 2014 pprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (Rik 51/14/CG fl-ismijiet *Michael Lawrence Borg v Direttur Generali tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura u b'Digriet tas-6 ta' Marzu 2015 gie kjamat in kawza l-Onorevoli Prim Ministru)* fejn talab li jigi sindakat id-decizjoni ta' hatra u jinghata rimedju a tenur tal-artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-ghazla ta' xoghol ta' *Cleansing Officer* skont ic-cirkolari 2/2014 datata l-14 ta' Jannar 2014 terga' ssir mill-gdid u l-marki jinghataw kif l-applikanti jkun haqqhom.

"Illi b'sentenza tat-2 ta' Frar 2016 gie deciz mit-Tribunal li ma kellux il-kompetenza *rationae materiae* biex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement astjena mill-kaz. Ma kienx hemm appell minn din is-sentenza.

"Ir-rikorrent xehed permezz ta' **affidavit** a fol 23, fejn spjega il-fatti kif esposti fir-rikors promotur. Qal li fis-sena 2014 applika ghall-post ta' *Principal Public Cleansing Officer* bis-sejha MTI-HR 2-2014 taht id-dekasteru tal-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura. Sarlu l-*interview* u gie fil-hames post ghal dak li kellu x'jaqsam maz-zoni turistici u fit-tielet post kwantu ghall-qasam tat-trasport. Hu deherlu li kien hemm abbuzi fil-process tal-ghazla u ressaq ilment ufficjali f'dan is-sens mal-PSC (**Dok MB2).** L-ilment tieghu gie rifjutat izda inghata l-opportunita' li jerga' jressaq l-ilment tieghu *entro* terminu prefiss. Madanakollu l-ilment tieghu rega' gie respint. F'ebda hin ma nghata smigh *viva voce* quddiem il-Kummissjoni fejn seta' jressaq xhieda u provi biex jirribatti l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Kummissjoni li gew imfissra fl-ewwel ittra ta' rifjut.

"**L-eccezzjoni dwar in-Nuqqas ta' Ezawriment ta' Rimedji Ordinarji**

"Illi fis-sustanza l-intimati eccipew li "*in kwantu l-lanjanza tar-rikorrent hija ppernjata fuq l-allegat ksur ta' principji ta' gustizzja naturali, huwa kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat a tenur tal-**artikolu 469 A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

"Illi b'din l-eccezzjoni l-intimati qed jistiednu lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a **tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

"Il-*proviso* ghall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jgħid eżattament hekk:

> "*Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra*" (Hekk ukoll f'dan is-sens l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319).

"Hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Din id-diskrezzjoni ghandha tigi uzata bi prudenza biex, min- naha l-wahda l-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati mill-Qrati fil-kompetenza ordinarja taghhom, u min-naha l-ohra, c-citaddin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u hija intiza biex thalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.

"Illi izda d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu fis-sens jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat; [1]

"Illi kif inghad ghadd ta` drabi, l-ezistenza ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta` allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta` fatt attwali u oggettiv. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera jekk ghandhiex twarrab milli tezercita s-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f`kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha.

"Il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine****,* fejn mir-rassenja tas-sentenzi hemm citati nisslet is-segwenti linji gurisprudenzjali in materja:

> "*"(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*
>
> "*(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

[1] Kost. 14.5.2004 fil-kawża fl-ismijiet **David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku**

"*(c)Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

"*(d)Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent*

"*(e)Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

"*(f)Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

"Illi kif gie ribadit fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005, fl-ismijiet ***Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[2] konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 gie ribadit :-

""*Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat*[3]*. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*[4]*. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża."*

"Illi hija l-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli ghaliha li ghandha l-oneru li tissodisfa lill-qorti li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika. L-intimat issottometta li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghandu disponibbli ghalih r-rimedju previst bl-artikolu **469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Dan l-artikolu jiddisponi dwar rimedju ta' stharrig tal-validita' ta' għemil amministrattiv mill-Qrati ordinarji li ghandhom il-gurisdizzjoni li jiddikjaraw tali għemil null, invalidu jew mingħajr effett u dan biss:

"*"(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

---

[2] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[3] Ara Kost. 5.4.1991 fil-kawża fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106)

[4] P.A Kost. 9.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata)

"*(b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

"*(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;*

"*Jew*

"*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew*

"*(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

"*(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."* (Art.469A(1) tal-Kap.12)."

"L-artikolu 469A (2) imbaghad jiddefinixxi "**għemil amministrattiv"** : *" il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità";* u "**awtorità pubblika"** tfisser "*il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi."*

"Ikkonsidrat li fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jimpunja d-decizjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn cahhdet l-ilment tieghu minghajr ma nghatalu l-opportunita' li jinstema' oralment quddiem il-Kummissjoni u li jressaq ix-xhieda u l-provi tieghu sabiex jirribatti l-fatti u l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Kummissjoni fil-kaz tieghu. Skont l-istess rikorrent, il-process kollu quddiem il-Kummissjoni kien leziv tal-principji ta' dritt naturali tal-*audi alteram partem* in kwantu ma nghatax l-opportunita' li jiddefendi l-kaz tieghu u jippartecipa fil-process quddiem il-Kummissjoni.

"Illi ma hemmx dubbju li l-ilment tar-rikorrent jinkwadra fl-azzjoni gudizzjarja regolata bl-artikolu **469A tal-Kap 12** partikolarment is-subartikoli **469A(1) (b)(ii).**

"Illi izda, ghal dak li jirrigwarda l-artikolu **469A(1)(b)**, inkluz ghalhekk, is-subinciz (ii), ghandu jinghad li l-legislatur jimponi terminu perentorju ta' sitt xhur ghall-azzjoni gudizzjarja, liema terminu jiddekorri minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.(**Art 469A(3)tal-Kap 12).**

"Illi huwa llum il-ġurnata stabbilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[5]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi.

"**L-Ewwel Konsiderazzjoni**

"Illi ma hemmx dubbju li fil-kaz odjern dan it-terminu skada u ghalhekk l-ewwel kunsiderazzjoni li din il-Qorti trid tagħmel huwa dwar l-accessibiita' tar-rimedju *stante* li l-istess rikorrent ma agixxiex tempestivament fit-termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii). Ma hemmx dubbju li fejn seta' ittieħed rimedju abbazi ta' dan is-subartikolu, dan m'ghadux possibbli billi ż-żmien statutorju biex jintalab huwa maghluq.

"Illi, fil-fehma ta' din il-qorti l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-lment kostituzzjonali jew konvenzjonali[6]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[7].

"Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabbilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[8]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[9] jidher li jista', fil-qafas ġenerali,

---

[5] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP 2.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et** (mhix ippubblikata); P.A. RCP 5.4.2001 (in parte) fil-kawża fl-ismijiet **David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta** (mhix ippubblikata) ; u App. Ċiv. 31.5.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et** (Kollez. Vol: LXXXVI.ii.313).

[6] Kost. 9.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et.**

[7] Ara Kost. 25.6.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201)

[8] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op cit, § 2.2.10.3, f'paġ. 134

[9] Art. 35(1) tal-Konvenzjoni

jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed jmexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali.

"**It-tieni konsiderazzjoni hija fis-sens li l-ilment odjern huwa indirizzat fil-kuntest tal-proceduri mizmuma mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija imwaqqfa mill-Kostituzzjoni ta' Malta.**

"Illi kkonsidrat li l-Kostituzzjoni nfisha kkrejat il-makkinarju biex jigu regolati r-relazzjonijiet bejn l-Ezekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

"Skont l-**artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jiddisponi li:

> "**"115.** *Il-kwistjoni jekk –*
> *(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;*
> - omissis -
> *ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."*

"Izda dan hu marbut mal-**artikolu 124(10) tal-istess Kostituzzjoni** li jiddisponi:

> "*"(10) Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma għandha tiftiehem bħala li tipprekludi qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra."*

"Ikkonsidrat li ghalkemm ir-rikorrent qed jilmenta minn ksur tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq, dan hu pernjat fuq il-principju tal-*audi alteram partem* li hu principju tal-gustizzja naturali li huwa sindakabbli mill-Qrati ordinarji.

"Illi dan qed jinghad ghaliex il-gurisprudenza taghna taghmel distinzjoni bejn l-kompetenza civili u l-kompetenza Kostituzzjonali fil-kuntest tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 fuq citat u fejn illum hu assodat li dan is-subartikolu ma japplikax ghall-allegat ksur tad-disposizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem. Kif fuq spjegat il-kaz tallum jaqa' taht l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u mhux is-subinciz 1(a).

"Dan gie ravvizat mill-Qorti tal-Appel fil-kaz **David Gatt v Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami et** (deciz fis-6 ta' Settembru 2010) :

“*"15. Mhux validu, ghalhekk, l-argument illi billi subartikolu (1) tal-paragrafu (a) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid illi jista’ jsir stharrig gudizzjarju 'meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni', allura dan ifisser illi għemil amministrattiv jista’ jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett* <u>*meta dak l-għemil jikser il-Kostituzzjoni inkluz b’hekk anke disposizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem*</u>*. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza fl-ismijiet* ***Christopher Hall v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali****, deciza fit-18 ta’ Settembru 2009, diga` kellha okkazzjoni tikkunsidra fil-fond il-fallacita` ta’ dan l-argument u waslet ghall-konkluzjoni illi:*

“*'Fi kliem iehor ... ... l-appellanti ... ... ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn għemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikolu 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta’ l-istess Kostituzzjoni ikun jista’ jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem “imur mod iehor kontra l-ligi” fis-subartikolu 1(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319.”* (sottolinear ta’ dik il-Qorti Kostituzzjonali.)

“Illi *“Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appoziti b’finalita` ta’ rimedju mhux dejjem identiku. Kif gia gie rilevat f’gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.”* (**Emmanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza** mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru 2001[10]).

“Ghaldaqstant fil-kaz ta' **David Gatt** fuq citat gie konkluz li la l-Prim Awla u lanqas dik il-Qorti m’ghandhom gurisdizzjoni li f'proceduri istitwiti abbazi tal-**artikolu 469A tal-Kap 12** jindagaw jekk giex miksur d-dritt fundamentali ta’ smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.

“Illi ghalhekk jirrizulta li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'kaz ta' stharrig gudizzjarju tal-għemil tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huwa limitat u jeskludi stharrig abbazi ta' ksur jew allegat ksur tad-drittijiet protetti mill-artikoli 35 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni.

“Madanakollu minn rassenja tal-gurisprudenza nostrana, l-Qrati ordinarji mhumiex prekluzi milli jissindikaw il-Kummissjoni ta' nuqqas

[10] Din is-sentenza giet ikkwotata b’approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Christopher Hall et v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza fit-18 ta’ Settembru 2009.

ta' osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali. Fi kliem iehor, il-fatt li f'proceduri civili ma jistghux jigu kkunsidrati u determinati kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, ma jfissirx illi awtomatikament il-Qrati ordinarji huma prekluzi milli jissindikaw l-operat tal-PSC.

"Il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji f'kaz ta' ilmenti kontra l-PSC gie mistharreg u deciz proprju fil-kaz ta' **David Gatt** *ante.*

"Il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> ""*39. Konsegwentement tqum il-kwistjoni jekk din il-Qorti ghandhix gurisdizzjoni – in vista ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni – li tistharreg jekk ir-rakkomandazzjoni tal-PSC li jigi terminat l-impjieg ta' l-appellat hiex wahda valida fil-ligi, tenut kont li l-procedura stabbilita fir-regolament 35 ta' l-Avviz Legali 186 ta' l-1999 ma gietx segwita."*

"Il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni dak deciz fil-kaz**Veterinarju Dottor Frank Cassar v. Chairman tal-Public Service Commission** (deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1976), fejn il-PSC ma segwietx il-procedura stipulata minnha stess. Il-Qorti rriteniet li hija prekluza lill-Qrati milli jezaminaw u jiddeciedu dwar materji affidati lill-Kummissjoni taht l-artikolu 113, 114, 115 u 117 u jekk il-Kummissjoni qdietx il-mansjonijiet taghha validament. Madanakollu affermat il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji sabiex jaraw "*li l-formalitajiet u proceduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess hasset il-htiega li ghandha taghmel regoli, jigu osservati, u tara li kollox isir skont il-ligi...*" Altrimenti, fi kliem l-istess Qorti: "*Li kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni kien ikollha poter assolut li wara li tghid li tintrabat li ser issegwi certi proceduri, twarrabhom u ma tosservahomx kull meta jidhrilha, peress li l-ebda poter ma jkun jista' jissindika dan l-operat."*

"Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-On. Imhallef Tonio Mallia fil-kaz **Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura et.** deciza fl-20 ta' Ottubru 2005:

> ""*Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita' moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'immunita' (ara, per ezempju, il-kazijiet "***Zammit vs Falzon",** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003, "***Mangion vs Cilia Pisani noe",** *deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2004, "***De Gaetano vs Awtorita' tal-Ippjanar***" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2005, u "***A J Hili ta' Miena Ltd vs Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud",** *deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004). Ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstemgha, izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha."*

"Inoltre kif inghad mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr Anthony Gruppette noe et.** (App.Civ. 27.6.2008):

> ""*Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smigh tal-kazi quddiema ("**Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku",** eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("**Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**", diciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("**Attard vs Sant'Angelo noe et**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. <u>Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha</u>, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet "**Zammit vs Falzon",** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "**Mangion vs Cilia Pisani noe",** deciza mill-Prim Alwa tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju, 2004). L-istess jista' jinghad f'kaz ta' allegazzjoni ta' qerq."*

"Din il-Qorti tikkondividi dawn l-insenjamenti.

"Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju ordinarju stabbilit bl-artikolu **469A** (1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll f'dan il-kaz fejn l-istharrig jirreferi ghall-agir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u dan in forza tal-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata. Il-fatt li din l-azzjoni hija perenta llum mhuwiex raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghzel biex tezercita l-gurisdizzjoni originali taghha billi kien ir-rikorrent li halla t-terminu jiddekadi u ma hemmx ragunijiet impellenti li jwassluha biex tiddeciedi mod iehor".

## L-Appell

6. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 5 ta' Dicembru 2016, fejn talab illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tichad l-eccezzjoni preliminari li giet akkolta mill-

ewwel Qorti, u tordna lil dik l-istess Qorti tkompli tisma' l-kawza fil-mertu, bl-ispejjez.

6. L-aggravju tar-rikorrenti huwa msejjes b'mod generali fuq l-ilment generiku tieghu illi l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzjoni li huwa kien ghadu ma ezawriex ir-rimedji kollha qabel ma inizzja l-proceduri kostituzzjonali odjerni, kienu zbaljati. Huwa jikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi huwa kellu rimedju ghall-ilment tieghu u jsostni li d-decizjoni tal-ewwel Qorti illi huwa naqas milli jipprevalixxi ruhu mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-kodici fuq indikat fi zmien tempestiv biex iressaq quddiem il-qrati ordinarji azzjoni ghal stharrig gudizzjarju tal-ghemil amministrattiv minnu lamentat, hija skorretta. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jilmenta illi r-rimedju li l-ewwel Qorti jghid li kellu biex jagixxi gudizzjarjament ai termini tal-artikolu fuq indikati "*ma huwa ezistenti xejn*" ghax it-terminu impost mill-Artikolu 469A(3) kien diga` skada meta huwa gie biex intavola l-proceduri odjerni. Skont ir-rikorrenti, kienet zbaljata wkoll l-ewwel Qorti fil-konkluzjoni taghha li hu halla jghaddi inutilment it-terminu koncess mill-Artikolu 469A(3), stante illi f'dak il-perijodu huwa kien qieghed ifittex rimedji alternattivi u iktar prattici fosthom dak li jidhol f'negozjati mal-Kummissjoni intimata biex ifittex soluzzjoni bonarja ghall-ilment tieghu, oltre li kien nieda wkoll proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Finalment jilmenta wkoll illi, fid-dawl tal-

limitazzjonijiet fid-disponibbilita` ta' azzjoni gudizzjarja li tista' tittiehed fil-konfront tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-ewwel Qorti ma messitx skartat id-diskrezzjoni taghha biex tisma' u tiddetermina l-ilment tieghu dwar l-allegata lezjoni ta' drittijiet fundamentali.

**L-Aggravji**

7. L-appell odjern jikkoncerna l-uzu tad-diskrezzjoni ezercitat mill-ewwel Qorti skont il-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:-

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> "Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".

8. L-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap.319] u l-proviso relattiv jaqra hekk:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

"Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra".

9. Illi huwa pacifiku illi b'dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati, il-Legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha biex, min-naha l-wahda ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kapitolu 319) inutilment, izda min-naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha.

10. Jinsab ritenut illi din il-Qorti bħala regola ma tiddisturbax l-eżercizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti konferita mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita` jew ta' ġustizzja jew żball manifest li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li r-rimedju ordinarju rravvizat mill-ewwel Qorti u li induċiha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha, ma kienx wieħed adegwat.[11]

[11] Ara fost ohrajn, ***Mouwafak Toutoungi et v. Kummissarju tal-Pulizija et***, Q.K, deciza 25 ta' Novembru 2011

11. Fil-kawża fl-ismijiet **George Scerri et v. L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża fl-1 ta' Frar 2011[12], gew ribaditi l-principji generali relevanti in materja ta' dak li ghandu jitqies bhala rimedju xieraq a tenur tal-*provisos* fuq citati, liema principji huma relevanti ghal mertu ta' dan l-appell:-

> "Illi meta, bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda' minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjonali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005, fil-kawża **Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjonijiet;
>
> "Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;
>
> "Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjonali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu".[13]

---

[12] PA SK - Rikors 45/2009

[13] Ara wkoll: QK 31 ta' Ottubru 2007 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06); QK 6 ta' Settembru 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Helen Milligan et*** (Rik. Kost. 44/08); QK 5 ta' April 1991 fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs***

12. Illi f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tezercitax is-setghat taghha ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu appena citat ghaliex qieset li l-ilment tar-rikorrenti jinkwadra fl-azzjoni gudizzjarja regolata bl-Artikolu 469A fuq indikat, kif eccepit mill-intimati, partikolarment l-Artikolu 469A(1)(b)(ii). Din il-konkluzjoni l-ewwel Qorti waslet ghaliha wara li kkonsidrat li l-ilment tar-rikorrenti huwa li "*il-process kollu quddiem il-Kummissjoni intimata kien leziv ghall-principji ta' dritt naturali tal-audi alteram partem inkwantu li huwa ma nghatax l-opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu u jippartecipa fl-istess process quddiem il-Kummissjoni*"[14]. L-ewwel Qorti qieset ukoll illi ghalkemm ir-rikorrenti kellu dan ir-rimedju taht l-Artikolu 469A, huwa naqas milli jipprevalixxi ruhu minnu tempestivament bil-konsegwenza illi t-terminu perentorju li fih kellu jezercita l-azzjoni relattiva, skada definittivament.

13. Din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-2 ta' Novembru 2001:-

> "… illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti … tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn fir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A".

***Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: LXXV.i.106) u P.A S.K. 9 ta' Marzu 1996 fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija*** (mhux ippubblikata).

[14] A fol. 66 ossia pagna 17 tas-sentenza appellata.

14. F'dan il-kaz, huwa evidenti mir-rikors promotur illi r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt fundamentali tieghu ta' "smiegh xieraq" fil-process ta' investigazzjoni tal-ilment tieghu mill-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku, liema dritt skont hu jinsab protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

15. L-ewwel Qorti kienet korretta fejn ikkonsidrat u qieset illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma hijiex hielsa mill-iskrutinju tal-qrati ordinarji, u li l-qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu meta jkun hemm allegazzjoni fuq livell amministrattiv li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkun agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha.

16. L-ewwel Qorti qalet sew ukoll meta, b'referenza ghas-sentenza fil-kawza **David Gatt v. Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami et**[15], irriteniet illi l-qrati ordinarji ma ghandhomx gurisdizzjoni li, f'proceduri istitwiti abbazi tal-Artikolu 469A, jindagaw jekk giex miksur id-dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. <u>Madanakollu, din il-Qorti tqis, bhall-ewwel Qorti qabilha, li dan il-principju ma ssibx riskontru fil-kaz tar-rikorrenti ghaliex il-parametri tal-indagni fil-ksur tad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq kif mitlub fir-rikors promotur, gew appuntu limitati ghal aspett wiehed biss minn dan</u>

[15] A fol. 68 – Appell Civili deciz 6 ta' Settembru 2010.

id-dritt fundamentali, ossia l-vjolazzjoni o meno tal-principju tal-gustizzja naturali ta' *audi alteram partem*.

17. Effettivament, minn ezami tal-premessi kif ukoll mill-ewwel talba tar-rikors promotur tieghu, jirrizulta immedjatament u b'mod manifest illi ir-rikorrenti jsejjes l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tieghu li jinghata smiegh xieraq fil-process quddiem il-Kummissjoni intimata, esklussivament fuq vjolazzjoni tal-principju tad-dritt naturali ta' *audi alteram partem,* li hija biss wahda mid-diversi xejriet tad-dritt estensiv ghal smiegh xieraq li jinsab protett mill-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ghall-ahjar intediment ta' dan il-punt, it-test relevanti tar-rikors promotur ser jigi riprodott hawnhekk:-

> "8. Illi l-agir tal-intimati u senjatament il-process quddiem il-PSC kien wiehed li jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u dana ghaliex ir-rikorrenti wara li ressaq l-ilment tieghu biex ikun sindikat anqas biss inghata smiegh xieraq sabiex isostni l-ilment tieghu. Illi l-esponenti anqas biss inghata opportunita` iressaq ix-xhieda li kellu in sostenn tal-ilment tieghu u wisq anqas kellu opportunita` jikkontrolla x-xhieda l-ohra li nstemghu quddiem il-PSC. …
>
> "9. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi f'dana l-umli rikors, l-esponenti ma nghata ebda opportunita` biex jippartecipa effettivament fil-process mizmum mill-PSC u hawn gie vjolat principju tad-dritt naturali wkoll ta' audi alteram partem inkwantu r-rikorrenti ma kellu ebda opportunita` jiddefendi l-kaz tieghu.
>
> "10. Illi bl-agir taghhom l-intimati kisru d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif riflessa f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi ma provdewx a 'fair trial' lilll-esponenti.
>
> …

> "Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onor. Qorti joghgobha:-
>
> *1.* "Tiddikjara illi bl-agir taghhom l-intimati kisru id-dispozizzonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif riflessa f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem <u>u dana meta gie vjolat u mhux rispettat principju tad-dritt naturali billi r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq quddiem l-intimati</u> ghaliex lanqas thalla jippartecipa fil-process li skatta u talab li jsir huwa stess….".

18. Huwa evidenti mill-brani appena citati, illi r-rikorrenti sawwar l-azzjoni odjerna tieghu fuq il-lezjoni ta' aspett wiehed biss ta' dan id-dritt ampju u wiesa' ghal smiegh xieraq. "*Ma hemm l-ebda accenn ghal xi agir iehor tal-Kummissjoni intimata li skont ir-rikorrenti illeda d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u li ma jikkonfigurax fil-ksur tal-princpji tal-gustizzja naturali ta' <u>audi alteram partem</u>*". Infatti, l-enfasi shih fir-rikors promotur jidher li huwa appuntu fuq il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. L-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar ksur ta' dritt fundamentali sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni <u>hija mfissra unikament u espressament fil-qafas tal-vjolazzjoni tad-dritt naturali ta' *audi alteram partem*</u>.

19. Ir-rikorrenti kien car u inekwivoku fir-rikors promotur meta fisser illi l-lezjoni ta' dan id-dritt naturali tikkonsisti fil-fatt illi huwa ma nghatax opportunita` jiddefendi ruhu billi jippartecipa fil-process quddiem il-Kummissjoni intimata, iressaq xhieda u jikkontrolla x-xhieda prodotti quddiem l-istess Kummissjoni. Dawn il-lanjanzi lkoll jinkwadraw ruhhom sfiq fil-kuncett ta' ksur tal-principju ta' audi alteram partem u ghalhekk,

ksur tad-drittijiet tal-gustizzja naturali ai termini ta' u kif kontemplat fl-Artikolu 469A(b)(ii). Ma giet rravvizata l-ebda allegata lezjoni ohra li tezorbita mid-drittijiet tal-gustizzja naturali u li tkun tesigi ghalhekk investigazzjoni aktar profonda li tezorbita mill-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji taht il-kappa ta' "smiegh xieraq" kif imfisser u protett fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Infatti huwa wkoll pjuttost evidenti illi r-rikorrenti ma jidhirx li lmenta b'mod specifiku fl-aggravju tieghu illi r-rimedju ravvizat mill-ewwel Qorti, ossia taht l-Artikolu 469A(b)(ii), ma kienx wiehed xieraq li seta' jindirizza effettivament il-lanjanzi tieghu.

20. Isegwi ghalhekk illi, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn qieset l-ilment tar-rikorrenti riferibbilment ghall-process quddiem il-Kummissjoni intimata, isarraf esklussivament f'ilment dwar nuqqas ta' osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali li setgha jigi mistharreg mill-qrati ordinarji fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), hija tajba u korretta, kif inhija korretta wkoll il-konkluzjoni ancillari taghha illi ir-rikorrenti kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju effettiv li pero` naqas milli jinqeda bih.

21. Ir-rikorrenti jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset li huwa kellu rimedju taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), u jsostni illi r-rimedju citat mill-ewwel Qorti ma huwa rimedju xejn ghaliex

ma kienx iktar disponibbli ghalih, oltre li mhux minnu li halla z-zmien koncess mil-ligi ghall-ezercizzju ta' dak ir-rimedju, jiskadi inutilment minghajr ma ha l-ebda azzjoni, stante illi sadanittant huwa kien qieghed jipprova jfittex soluzzjoni bonarja ghall-vertenza u kien istitwixxa wkoll proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Din il-Qorti tosserva illi, l-ebda inazzjoni li twassal ghal sitwazzjoni fejn, ir-rimedju li kien altrimenti jezisti biex jindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti b'mod effettiv, ma jkunx ghadu disponibbli, waheda m'ghandhiex isservi biex tiggustifika l-ezercizzju tas-setghat kostituzzjonali tal-qorti.

22. Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza illi meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, il-Qorti ma ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibbli rimedju ma kienx sejjer jirrimedja, jew jirrimedja biss parzjalment, il-lanjanzi tar-rikorrent. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** deciza fis-16 ta'Jannar 2006, gie rappurtat hekk:-

> "M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel".

23. Gie wkoll ritenut illi:-

> "… the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and Others v. Spain, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to be applied [see, Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests".[16]

24. Madanakollu, f'dan il-kaz, diga` gie stabbilit illi f'kull kaz ir-rikorrenti seta' jindirizza l-ilmenti tieghu dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-principju tad-dritt naturali ta' *audi alteram partem*, quddiem il-qrati ordinarji permezz ta' proceduri ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv [f'dan il-kaz il-process ta' determinazzjoni mill-Kummissjoni intimata tal-ilment tieghu] ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii), liema dispozizzjonijiet jaghtu espressament lill-qrati ordinarji s-setgha li jiddikjaraw tali ghemil null, invalidu jew minghajr effett meta *inter alia*, l-awtorita` tkun naqset milli tosserva l-principji ta' dritt naturali fit-twettieq tal-ghemil amministrativ jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil. <u>Il-procedura ta' stharrig gudizzjarju a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) kienet ghalhekk wahda li setghet tirrimedja effettivament il-lanjanzi tar-rikorrenti li jikkonfiguraw b'mod shih u esklussiv bhala lanjanzi ta' ksur tal-principju tal-gustizzja naturali</u>.

25. Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti illi ma kellux disponibbli ghalih rimedju adegwat u effettiv taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A, fil-

[16] Anthony Bezzina vs Avukat Generali – QK deciza 31 ta' Jannar 2014.

qafas tan-natura tal-ilment tieghu dwar l-ghemil tal-Kummissjoni intimata, ma jistax jitqies li huwa fondat.

26. Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu l-istess rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb